RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 442 tad-9 ta' Diċembru 2021)

F'paġna 91, fl-Anness I, fit-Taqsima 5.1., fil-punt (b), it-tieni sentenza,

minflok: "Dak il-kalkolu għandu jiġi applikat tul il-firxa tan-network (ta' distribuzzjoni) tal-provvista tal-ilma fejn jitwettqu x-xogħlijiet, jiġifieri fil-livell taż-żona tal-provvista tal-ilma, l-erja(s) b'kejl distrettwali (DMAs) jew l-erja(s) ġestita/i skont il-pressjoni (PMAs).",

aqra: "Dak il-kalkolu għandu jiġi applikat tul il-firxa tan-network (ta' distribuzzjoni) tal-provvista tal-ilma fejn jitwettqu x-xogħlijiet, jiġifieri fil-livell taż-żona tal-provvista tal-ilma, taż-żona/i ta' metraġġ separat (DMAs) jew taż-żona/i ta' ġestjoni tal-pressa (PMAs).";

F'paġna 92, fl-Anness I, fit-Taqsima 5.2., fil-punt (b), it-tieni sentenza,

minflok: "Il-livell attwali ta' tnixxija fuq medja ta' tliet snin jiġi kkalkolat fuq il-firxa tan-network (ta' distribuzzjoni) tal-provvista tal-ilma fejn jitwettqu x-xogħlijiet, jiġifieri għan-network imġedded (ta' distribuzzjoni) tal-provvista tal-ilma f'erja(s) b'kejl distrettwali (DMAs) jew f'erja(s) ġestita/i skont il-pressjoni (PMAs).",

aqra: "Il-livell attwali ta' tnixxija fuq medja ta' tliet snin jiġi kkalkolat fuq il-firxa tan-network (ta' distribuzzjoni) tal-provvista tal-ilma fejn jitwettqu x-xogħlijiet, jiġifieri għan-network imġedded (ta' distribuzzjoni) tal-provvista tal-ilma f'żona/i ta' metraġġ separat (DMAs) jew f'żona/i ta' ġestjoni tal-pressa (PMAs)".